MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 400/2004/1

**Elizabeth Alexandra Zammit**

**v.**

**Francis Zarb**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-26 ta' Ottubru 2006. Permezz ta' citazzjoni intavolata fid-19 ta' Novembru 2004 l-attrici talbet li dik il-Qorti tiddikjara z-zwieg taghha mal-konvenut Francis Zarb, celebrat fit-23 ta' Frar 1991, bhala null u bla

effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi civili. L-attrici qed tavanza zewg kawzali: (i) li l-kunsens sia taghha kif ukoll tal-konvenut kien simulat ghax huma eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg[1] (ii) u, li l-kunsens taghha u ta' zewgha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg[2].

**2.** Sejra hawn tigi riprodotta fil-partijiet essenzjali taghha s-sentenza appellata:

**"Il-Qorti:**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Premess illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' Frar 1991 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. A, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li twieled fis-17 ta' Gunju 1993;

"Premess ili l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Premess illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anamalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"U premess illi minhabba ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li

[1] Art. 19(1)(f) tal-Kap. 255.
[2] Art. 19(1)(d) tal-Kap. 255.

jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Frar 1991 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art. (1d) u (1f) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv fuq indikat;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett pero` ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici;

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta’ Frar 1991 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-kontendenti” jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 u “ragunijiet ohra” skond l-istess Kap.

“Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu hu hi tal-fehma li ghandha taghti aktar affidament lill-versjoni tal-fatti

moghtija mill-konvenut, minn dik ta’ l-attrici li l-Qorti thoss kienet inveritiera f’certi aspetti tax-xhieda taghha.

**“Kwadru tal-fatti**

“Mill-provi rrizulta li l-partijiiet izzewwgu fit-23 ta’ Frar 1991 wara gherusija ta’ circa seba snin, u meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 25 sena. Jidher li ghall-ewwel disa’ snin taz-zwieg ma kienx hemm problemi ta’ gravita` li jwasslu ghat-tifrik ta’ zwieg, izda erba’ snin qabel ma’ l-partijiet isseparaw bonarjament l-attrici tramite l-internet qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor ta’ nazzjonalita` Torka, u f’April 2004 isseparaw legalment wara konvivenza ta’ cirka 13 il-sena.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi rigward l-ewwel kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] fuq imsemmi, il-Qorti tosserva li minn ezami tax-xhieda tal-partijiet, inkluza dik ta’ l-attrici, dan il-*caput nullitatis* manifestament ma jikkonfigurax. Ma rrizultax mill-provi li fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom xi hadd mill-partijiet <u>b’att pozittiv tal-volonta` taghha</u> eskluda, internament jew esternament, iz-zwieg fih in-nifsu jew xi obbligu matrimonjali essenzjali ghaz-zwieg. Di fatti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu wara zmien twil ta’ gherusija, ippjanaw ukoll il-hajja matrimonjali taghhom u eventwalment fis-17 ta’ Gunju 1993 kellhom tifel, ukoll ippjanat, wara konsultazzjoni medika. Huma kienu jhallu l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal. Ghaldaqstant din il-kawzali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

- omissis -

“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm <u>l-inkapacita`</u> psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

"Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*[*vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg* deciza fis-27 ta' Jannar 2006],deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].

"Fil-kaz in disamina ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kien mankanti f'dan l-aspett fit-termini tal-principji legali fuq esposti. Ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha l-attrici, u wisq anqas il-konvenut, kienu b'xi mod affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li jintegra dan il-*caput nullitatis* u jwassal ghan-nullita' taz-zwieg taghhom. Il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attrici kienet imdejqa bis-sitwazzjoni taghha pre matrimonjali tghix mal-familja taghha, u li kellha certu sikkatura fid-dar minn missierha, anke jekk veritier, ma jintegrax il-*caput nullitatis* in disamina; ghax anke jekk, *dato ma non concesso*, hija zzewwget biex titlaq mid-dar fejn kienet qeda tghix, ma jirrizultax li hija kienet affetta mill-inkapacita` psikika kif fuq spjegat. Anzi mill-provi rrizulta manifest li hija, flimkien mal-konvenut kienu ippjanaw certu aspetti importanti taz-zwieg taghhom u attendew il-kors ta' Kana, hija tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg u riedet tizzewweg lill-konvenut, kellhom tifel wara z-zwieg kif fuq indikat u kkonvivew ghal certu tul taz-zmien sakemm eventwalment l-attrici qabdet relazzjoni ma' terza persuna, liema fatt wassal ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet.

"Inoltre, il-fatt li l-konvenut kien jimpenja ruhu bis-shih biex javvanza fil-karriera tieghu bil-beneficcji finanzjarji li dan l-avvanz gab mieghu fl-interess tal-familja tieghu, m' ghandux jimmilita kontra tieghu, kif qed tippretendi l-attrici fl-ilment taghha li hija kien ikollha taghmel sieghat twal wahedha d-dar. Wara kollox huwa d-dmir taz-zewg konjugi li jaghmlu l-almu taghhom biex itejbu l-posizzjoni

taghhom kemm socjali kif ukoll finanzjarja, fl-interess tal-familja taghhom. Apparti minn hekk, din il-Qorti hija konvinta li r-raguni vera tat-tkissir taz-zwieg odjern hija r-relazzjoni extra matrimonjali ta' l-attrici, li bdiet disa' snin wara d-data taz-zwieg.

"Illi in kwantu ghal dik il-parti tal-kawzali bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d] il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li xi wahda mill-partijiet kienet affetta minn anomalija psikologika fit-termini ta' l-istess paragrafu.

"Illi rigward ir-"ragunijiet ohra kontemplati fl-att XXXVI tal-1975" [sottolinear ta' din il-Qorti] u li fuqhom l-attrici qeda tibbaza l-kaz taghha, il-Qorti tosserva li minn imkien ma rrizulta x' kienu dawn ir-"ragunijiet ohra" proposti minnha. Jinghad, pero`, ghall-finijiet ta' kompletezza li mill-provi migjuba din il-Qorti ma tirravviza ebda wiehed mill-*capita nullitatis* kontemplati fl-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ma timmeritax li tigi milqugha peress li ma ssibx sostenn fil-provi.

"In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*].

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici.”

**L-appell ta’ l-attrici**

**3.** L-attrici appellat minn din is-sentenza permezz ta’ rikors in data 15 ta’ Novembru 2006. Il-konvenut appellat wiegeb b’risposta ppresentata fit-22 ta’ Frar 2007 fejn huwa fisser li s-sentenza appellata “hija ekwa u gusta u timmerita li tigi kkonfermata” (u dan minkejja li originarjament fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu huwa kien qal li kien jaqbel li z-zwieg kien null pero` ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici, ara fol. 12 tal-atti). L-appellanti telenka hames aggravji.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**4.** L-ewwel aggravju hu fis-sens li hija tilmenta li “l-ewwel onorabbli Qorti ma tatx ragunijiet dettaljati jew ahjar ma spjegatx ghalfejn it-talba tal-attrici giet michuda”. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Donnu li l-appellanti qed tippretendi li l-ewwel Qorti kellha toqghod tikkummenta fuq kull frazi, kull espressjoni jew kull kelma li jirrizultaw mill-provi – l-*affidavits* taghha u tal-konvenut u tax-xhieda minnhom prodotti, kif ukoll id-deposizzjonijiet tal-kontendenti moghtija *viva voce* quddiem l-Imhallef li effettivament ippronunzja s-sentenza. Minn qari tas-sentenza appellata huwa car li l-ewwel Qorti, wara li fissret, koncizament u minghajr ma ppruvat tivventa mill-gdid ir-rota, il-ligi applikabbli in materja, gabret b’mod konciz dak li fil-fehma taghha kien l-essenzjali tar-rizultanzi fattwali u fissret li dawn ir-rizultanzi ma jwasslux ghall-prova tal-vizzji ravvizati bhala kawzali fic-citazzjoni. Din il-Qorti ma tistax taghmel ahjar f’dan ir-rigward milli tirriproduci dak li qal l-appellat fir-risposta tieghu:

**“…jidher car illi l-impressjoni li qieghda tipprova taghti l-attrici appellanta li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghti ragunijiet ta’ kif waslet ghall-gudizzju taghha m’huwiex korrett. Il-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti irnexxielha tigbor is-sustanza tal-provi prodotti fi ftit paragrafi ma jirriflettix nuqqas da parti ta’ l-istess Qorti. Illi l-obbligu tal-Qorti illi taghti r-**

**ragunijiet li fuqhom hija tkun qieghda tibbaza id-decizjoni taghha ma tikkomprendix l-obbligu illi tikkummenta b'mod dettaljat kwalunkwe prova li tkun ingabret. Illi kif enuncjat diversi drabi mill-Qrati taghna dan l-obbligu ma jfissirx illi l-Qorti ghandha taghti bilfors, anke fuq il-fatti, motivazzjoni elaborata imma li almenu l-kontendenti jkunu jafu r-raguni ghaliex it-talba jew kontro-talba tkun qed tigi milqugha jew michuda. Illi ghalhekk fil-fehma ta' l-esponent, is-sentenza attakkata tikkontjeni elementi sufficjenti dimostrattivi tar-ragonament li fuqu l-ewwel Onorabbli Qorti rpozat il-konkluzjoni taghha ghac-cahda tat-talbiet attrici."**

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li fuq dana l-aggravju ghandha ghalfejn tghid aktar.

**5.** It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju jistghu jigu trattati flimkien ghax fil-verita` l-appellanti tahthom ("l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra certi fatti importanti li hargu mix-xhieda tal-attrici", "…anke naqset milli tgharbel ix-xhieda [recte: xiehda] dwar il-hajja matrimonjali tal-partijiet", "…m'ghamlitx apprezzament korrett tal-provi mressqa quddiemha") qed tghid, fi kliem differenti, l-istess haga, u cioe` li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni zbaljata fuq il-provi li kellha quddiemha. Dwar dawn l-aggravji – jew ahjar, aggravju wiehed – din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-provi kollha migbura, u hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi minn dak deciz mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti, pero`, b'mod aktar specifiku taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. Dwar is-simulazzjoni – li, kif inhu risaput, hija kawzali li ma tistax tikkoezisti ma' dik ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – ma hemm assolutament ebda prova. U tabilhaqq anke fl-appell taghha l-attrici ma ppruvatx targumenta li kien hemm tali simulazzjoni – l-appell huwa dirett interament ghall-aggravju taht il-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255.

ii. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, issib li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellat hija aktar attendibbli minn

dik moghtija mill-attrici appellanti, anke fejn din hi korroborata minn membri tal-familja taghha. Jinghad li hi aktar attendibbli ghax dak li ppruvat taghmel l-attrici f'din il-kawza huwa li taghti enfazi esagerata lejn <u>certi aspetti</u> tal-hajja taghha ta' qabel iz-zwieg, filwaqt li <u>tinjora kompletament</u> aspetti ohra li jmorru biex juru li s-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha qabel iz-zwieg ma kienitx daqshekk prekarja b'mod li kienet tipprivaha mill-kapacita` li taghraf u tirrifletti, jew li tiddeciedi liberament, dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali. L-appellat, invece, jaghti stampa aktar kompleta u bilancjata – hemm hafna punti fejn jaqbel, bhala fatt, mal-attrici, pero` isemmi punti ohra li l-attrici, minghajr ma cahdithom, ghazlet li taqbizhom kompletament. Hekk, per ezempju, isemmi li huma kienu ghamlu l-kors ta' Kana bhala preparament ghaz-zwieg, u li d-decizjoni li jizzewgu, ghalkemm ikkoincidiet maz-zmien meta hu l-attrici ried jizzewweg u jibqa' jabita fid-dar fejn kienet tabita l-attrici, ma kienitx determinata miz-zwieg ta' hu l-attrici[3]. Ezempju iehor huwa l-incident ta' meta marru biex iqattghu ftit granet ta' *honeymoon* f'Ghawdex. L-appellanti tipprova tfisser li hija tant kienet imdejqa li kienet ghadha kif zzewget (minkejja li riedet tizzewweg biex thalli l-ambjent tad-dar – kontradizzjoni li giet rilevata anke mill-ewwel Qorti), li kif waslu Ghawdex bdiet tibki u riedet tirritorna lura Malta – "Lanqas ghamilna nofs ta' nhar, xi saghtejn ghamilna"[4]. Il-konvenut jikkonferma li ma ghamlux hlief ftit sieghat Ghawdex, pero` fisser li dak li gara kien li l-flat li kienu krew Ghawdex sabuh "inkallat" u l-attrici riedet tnaddfu u tqaxxru, pero` hu ma riedx li jqattghu il-*honeymoon* toqghod tnaddaf il-flat u ghalhekk iddecidew li jirritornaw id-dar taghhom Malta[5].

iii. L-appellanti tipprova tibbaza d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-fatt li, skond hi, kellha trobbija f'ambjent pjuttost difficli u pprivat mill-presenza tal-omm, b'kumplikazzjonijiet meta missierha rega' zzewweg it-tieni darba. Hija tishaq fuq il-fatt li kellha tohrog tahdem meta kienet ghadha zghira, u li fil-konvenut hija rat il-persuna li setghet, bhal speci, tohrogha minn dak l-ambjent. Tenfasizza wkoll li hija zzewget meta

---

[3] Ara, per ezempju, fol. 117.
[4] Fol. 74.
[5] Ara fol. 124; ara wkoll l-affidavit tal-konvenut a fol. 46.

effettivament izzewget ghax id-dar fejn kienet toqghod ried jixtriha huwha biex juzaha bhala d-dar matrimonjali tieghu u ta' martu, u li, allura, kien hemm bhal speci ta' certu ghaggla biex hija taqbad u tizzewweg. Din il-Qorti, wara li, kif inghad, ezaminat il-provi kollha bir-reqqa, ma tistax tikkondividi l-fehma ta' l-attrici li hija (u wisq anqas il-konvenut) kienet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, priva minn dik id-diskrezzjoni ta' gudizzju proporzjonat ghall-kuntratt taz-zwieg. Huwa minnu li seta' kien hemm ragunijiet li kienu jhajru lill-attrici li tingibed aktar lejn il-konvenut – il-wens li kien jaghtiha fl-aspettattiva ta' aktar stabbilita` fil-hajja taghha milli forsi kellha sakemm kienet ghadha d-dar tal-genituri – izda dan ma jfissirx li l-hegga li seta' kellha tul il-perjodu pjuttost twil tal-korteggjament biex tfittex tizzewweg kien jammonta ghal xi "…impuls intern…ta' tali gravita` jew forza li nehha kompletament il-liberta` ta' ghazla ta' l-attrici"[6]. Wiehed ma jridx jinsa li biex jista' jinghad li dak li jkun kien priv mill-kapacita` li jiddeciedi liberament minhabba impulsi interni, dawk l-impulsi jridu jkunu iddeterminaw l-ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha[7]. Anqas ma hemm xi prova li minhabba s-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha l-attrici qabel iz-zwieg hija kienet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, tbati minn anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**6.** L-ahhar aggravju ta' l-appellanti huwa dwar l-ispejjez. Hija tilmenta li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ma eccepiex li hu m'ghandux ibati spejjez u, inoltre, kien favur l-annullament ghalkemm minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici. Dana l-aggravju hu wiehed altament

---

[6] Ara ***Samuela Lea Pavia v. John Pavia*** Prim Awla, 20/5/1996, fejn l-ambjent tad-dar tal-attrici kien wiehed aktar difficli minn dak tal-attrici fil-kawza odjerna, b'molestji sesswali u faqar materjali fit-tul.

[7] U dan bl-istess mod li jinghad dwar il-*vis et metus*: "Il timore non deve solo accompagnare il patto matrimoniale, ma esserne causa. Anche il ladro ruba con timore, ma non per timore…Si tratta del cosiddetto timore *concomitante*. Tale timore costituisce bensi` una pressione accessoria, ma non determina principalmente il contraente, il quale, anche senza le minacce, avrebbe contratto ugualmente il matrimonio…Il vero timore e` quello che causa principalmente il matrimonio che non si sarebbe celebrato senza questo timore. Il timore concomitante invece, pur essendo presente, non costituisce la causa principale del matrimonio. Il matrimonio e` nullo se si celebra *per* timore e non e` nullo se si celebra *con* timore." – Bersini, F. **Il Diritto Canonico Matrimoniale** Elle Ci Di (Torino), 1994, p. 131.

fieragh. Il-Qorti hija dejjem obbligata bil-ligi li tiddeciedi dwar l-ispejjez, anke jekk ma jkun hemm ebda talba fic-citazzjoni u/jew fin-nota tal-eccezzjonijiet. Il-fatt li l-konvenut kien – jinghad "kien" ghax, kif rajna, fl-appell jidher li biddel fehmtu – favur l-annullament pero` specifika li n-nuqqasijiet kienu attribwibbli lill-attrici, hija indikazzjoni implicita` ta' kontestazzjoni ta' l-ispejjez.

**<u>Decide</u>**

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' dana l-appell ikunu sopportati kollha mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------